**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs.**

**Kurt Grima**

Numru 222/2015

Illum il-hamsa (5) ta' Lulju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba kontra l-imputat **Kurt Grima**, ta' tletin (30) sena, iben Mario u Irene neé Galea, imwieled Pietà nhar is-17 ta' Frar 1985, residenti fil-fond numru 167, Triq Ghajn Dwieli, Paola, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 138785(M)

akkuzat talli, flimkien ma' Christian Bonello:

1. nhar it-28 ta' Ottubru 2014 u/jew fil-jiem ta' qabel, mill-fond Flat 2, Ta' Medati, Triq il-Luzzu, Kalkara, ikkommetta serq ta' ghadd ta' oggetti, fosthom ghodod u accessorji ta' l-elettriku,

[1] *A fol.* 19.

liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u li sar ghad-detriment ta' Kurt Bugeja u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 21).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 22).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 97 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduti tad-9 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 102) u tad-19 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 130), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet uhud mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2017, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 135 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 134), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dawn il-proceduri.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-13 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 142 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-18 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 147 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Mercieca** (*a fol.* 23 *et seq.*) fejn ezebixxa numru ta' dokumenti fosthom tliet sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat, li gew immarkati bhala Dok. "A", "B" u "C" (*a fol.* 27 *et seq.*). Jghid li l-kaz jirrigwarda serqa li giet rappurtata fit-28 ta' Ottubru 2014 ghall-habta tal-4.00pm meta certu Bugeja mar jirraporta fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla li kien qieghed jirranga post Flat 2, Ta' Medati, Triq il-Luzzu, Kalkara u nduna li xi hadd kien seraqlu diversi ghodod u kif ukoll il-*connection* tad-dawl bil-*fuses* b'kollox. Jghid li nftehet Inkjesta Magisterjali. Jixhed li hu mar fuq il-post fejn kellem lil Kurt Bugeja li huwa sid il-fond u jghid x'qallu. Jghid li saru jafu li dakinhar stess kienet saret serqa ohra minn post vicin fejn il-Pulizija kellha ndizji fil-konfront ta' certu Christian Bonello. Jghid li eventwalment dan Bonello ammetta dan il-kaz tal-ahhar u kif ukoll is-serqa li tirrigwarda l-kaz odjern. Jixhed rigward dak li qallu Bonello. Jghid li l-imputat ikkonferma li kien mar fuq il-post ma' Bonello pero' cahad li kien dahal fil-fond u cahad ukoll li kien ha xi flus minn din is-serqa. Ikkonferma li l-imputat irrilaxxa l-istqarrija li tinsab *a fol.* 14 *et seq.* tal-process.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 18), id-Deputat Registratur ezebiet kopja legali tal-process **Il-Pulizija vs. Christian Bonello**, li gie mmarkat bhala Dok. "JM" (*loose envelope*).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, xehed ukoll il-**Perit George Pullicino** (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn ikkonferma li huwa kien hejja r-rapport li jinsab *a fol.* 34 *et seq.* ta' Dok. "JM" (*loose envelope*). Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GP" (*a fol.* 50 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, xehed ukoll **PS 1593 Alfred Cachia** (*a fol.* 74 *et seq.*) fir-rigward tar-rapport li sar minn Kurt Bugeja fit-28 ta' Ottubru 2014 fejn Bugeja rraporta li kienu serquh mir-residenza li kien ghadu qed jirranga, liema residenza tinsab f'Flat 2, Ta' Medati, Triq il-Luzzu, Kalkara. Spjega li huwa mar fuq il-post u hejja r-rapport tieghu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "AC" (*a fol.* 76 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, xehed ukoll **Christian Bonello** (*a fol.* 81 *et seq.*) fejn wara li saritlu riferenza ghal zewg serqiet mill-Kalkara fejn wahda minnhom kienet tirrigwarda l-fond Flat 2, Ta' Medati, Triq il-Luzzu, Kalkara ikkonferma li gie gudikat u li ma appellax mis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu. Jghid li lill-imputat ilu jafu mindu kienu zghar u jghid li kienu joqghodu fl-istess triq. Fir-rigward tas-serqa minn Flat 2, Triq il-Luzzu, jghid li l-imputat kien mieghu. Jghid li fil-ghodu l-imputat kien cempillu biex imorru ghal mistura flimkien u qallu (l-imputat lil Bonello) li ma kellux flus u Bonello qallu: *"Ejja nmorru naghmlu xi haga u gie mieghi hu"* (*a fol.* 82). Mistoqsi jghid x'ried ifisser wiegeb li qallu biex imorru jisirqu xi affarijiet mill-flat in kwistjoni fil-Kalkara. Jghid li marru separati bil-vetturi rispettivi taghhom u li kien hemm ukoll it-tfajla tal-imputat li baqghet barra. Jghid li dahlu fil-flat billi hu (Bonello) fetah il-bieb billi tela' minn fuq bieb u l-imputat dahal mill-bieb tal-flat. Jghid li hadu l-affarijiet li kien hemm u jsemmi l-ghodda u affarijiet tad-dawl. Jghid li huwa (Bonello) qala' l-*meter* tad-dawl biex jiehu l-*fuses*. Jghid li ghaddew kollox fil-vettura tieghu (ta' Bonello) u marru ghand Grech il-Marsa biex ibieghuhomlu pero' ma hadhomx u mbaghad bieghuhom lil habib taghhom f'post iehor li jghid li ma jixtieqx jghid ismu. Meta ordnat mill-Qorti diversament preseduta jghid ismu, wiegeb li ma jafx. Jerga' jirripeti li ma jafx ismu u mbaghad qal li l-hanut jismu *Pharlap* li jinsab f'Hal-Tarxien. Jghid li ghal dawn l-oggetti akkwistaw mitt Euro (€100.00) u li qasmu l-flus – zammew hamsin Euro (€50.00) kull wiehed. Jghid li ma jafx x'jisimha t-tfajla tal-imputat u li apparti l-affarijiet li hadu u bieghu, hadu xi affarijiet ohra li ma bieghux u Bonello tahom lill-imputat. Jghid li l-imputat ma kellu xejn x'jaqsam fir-rigward tat-tieni serqa li saret fl-istess gurnata.

In <u>kontro-ezami</u>, ghad-domanda jekk cempilx lill-imputat ghax kellu xi hsara fil-vettura tieghu biex imur jghinu jigbor xi ghodod, wiegeb: *"Hu cempilli ghax kellu l-karozza ghand il-mekkanik u biex inwasslu ghall-mistura, mbaghad gie bil-vann ta' missieru l-Astra l-bajda"* (*a fol.* 86). Ghad-domanda: *"Issa meta cempiltlu u kontu argumentajtu, meta gharraftu li inti gejt arrestat, tlabtu xi flus?"* (*a fol.* 86), wiegeb: *"Jiena tlabtu xi flus, le."* (*a fol.* 86). Ghad-domanda: *"Ma tlabtux xi ghoxrin (20) Euro?"* (*a fol.* 86), wiegeb: *"Ghidtlu jghinni jiena, ma tlabtux flus ghidtlu jghinni ghall-inqas"* (*a fol.* 86).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, xehed ukoll **PS 180 Fabian Aquilina** (*a fol.* 88 *et seq.*) fir-rigward tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat li tinsab *a fol.* 14 *et seq.* Jghid li qabel ittiehdet l-istqarrija, l-imputat hadhom fuq il-post u qallu fejn kien ipparkja l-vettura u minn liema bieb ghaddew biex sehhet is-serqa.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, xehed ukoll **Kurt Bugeja** (*a fol.* 90 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien ghamel rapport fit-28 ta' Ottubru 2014 fir-rigward tal-post li hu u t-tfajla tieghu Jessica Mifsud ghandhom f'Ta' Medati, Triq il-Luzzu, Kalkara. Jghid li dan il-post huwa *under-construction* u sab li kien hemm certu affarijiet neqsin u jsemmi: *"ghodda, affarijiet tad-dawl, distribution box, hafna ghodda"* (*a fol.* 91). Jghid li l-ghodda kienu tieghu u ta' missieru Raymond Bugeja. Ikkonferma li kien kellem lill-Espert il-Perit George Pullicino u meta gie moqri dak li hemm fil-lista Dok. "S" *a fol.* 73 u mistoqsi jghid jekk jaqbilx ma' din l-istima, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li ma ried ibiddel xejn fiha u jixhed li minkejja li kien inxurjat fuq il-post, ma kienx inxurjat fuq l-ghodda. Jghid li ma saritlux hsara fil-post u ma ghandux idea kif dahal min seta' dahal.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, xehdet ukoll **Doreen Farrugia** (*a fol.* 93 *et seq.*) fejn qalet li hija saret taf lill-imputat peress li kienet iltaqghet mieghu go *bar*. Tghid li kienet it-tfajla tal-imputat. Mistoqsija tghid x'gara dakinhar tat-28 ta' Ottubru 2014, tghid li kienet mal-imputat, iltaqa' ma' siehbu Christian u marru gewwa post. Tispjega li mentri hija marret fil-vettura mal-imputat, Christian mar b'vettura ohra. Mistoqsija dwar il-post fejn marru l-imputat u Christian, tghid li ma tafx fejn jinsab hlief li jinsab fil-

Kalkara u ma tafx jekk hux dar, flat jew skola jew jekk hux qed jinbena peress li tghid li baqghet fil-vettura. Tghid: *"Imbaghad jien bqajt hemmhekk u huma hargu xi affarijiet"* (*a fol.* 94). Mistoqsija minn fejn, twiegeb: *"Minn fejn dahlu. U wiehed mar bil-karozza tieghu l-iehor bil-karozza"* (*a fol.* 94). Mistoqsija tghid x'gara mill-affarijiet li hargu mill-post fejn dahlu, wiegbet li dawn inqasmu Rahal il-Gdid fejn id-dar ta' Christian. Tikkonferma li dawn inqasmu quddiemha pero' tghid li ma tafx x'kien hemm ghax hi kienet quddiem u l-affarijiet kienu wara. Tghid li ma qalulhiex x'kien gara u ma garax.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2015, xehed **Clayton Gatt** (*a fol.* 104 *et seq.*) fejn qal li huwa jahdem go hanut taz-zebgha bl-isem *Pharlap Ironmongery* li jinsab f'Triq Xintill, Hal-Tarxien. Jixhed li kien gie mitkellem minn zewg Spetturi tal-Pulizija u gie mistoqsi minnhom jekk kienx xtara xi ghodda misruqa u hu wegibhom fin-negattiv. Jghid li gie muri ritratt ta' dak li hu jahseb hu Kurt Grima, peress li kien imur jixtri pero' kien ilu ma jarah, u gie mistoqsi jekk kienx bieghlu xi affarijiet ta' ghodda misruqin u wegibhom fin-negattiv. Jghid: *"ghidtilhom gabli xi affarijiet li baqaghlu zejda fuq ix-xoghol qalli jien"* (*a fol.* 105). Mistoqsi jgharafx lil Kurt Grima fl-awla, wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jhares lejn l-imputat, jghid: *"Nahseb jista' jkun, b'xaghru differenti, ma nafx. Jista' jkun kien hu imma xaghru kien differenti, ir-ritratti li wrewni kien differenti zgur milli jidher"* (*a fol.* 105). Jghid li f'perjodu ta' sentejn-tliet snin lil dan il-persuna rah madwar sitt darbiet kollox. Mitlub jinsa' dak il-persuna li ra fir-ritratt li gie muri mill-Pulizija u mitlub jaghrafx fl-awla lil dak il-persuna li ra sitt darbiet, wiegeb: *"Kieku nghid li le, le"* (*a fol.* 105). Jghid li fir-ritratt li gie muri seta' jaghraf lill-persuna li kien mar ibieghlu xi affarijiet, pero' ma jafx ismu. Mistoqsi jghid x'kienu dawn l-affarijiet, wiegeb: *"Kien hemm xi plakek, xi silicone ghandi jkun xi sebghin Euro kollox kienu. Ried sebghin Euro taghhom. Naf li qalli li ma kellux flus ghad-diesel ghal petrol tal-karozza, qalli "aghtini xi haga taghhom""* (*a fol.* 106). Ma jiftakarx meta gara dan. Jghid: *"Jekk kien din is-sena, fil-bidu taghha, jew fl-ahhar ta' l-ohra"* (*a fol.* 106). Jahseb li bejn wiehed u iehor kien ix-xitwa. Jghid li l-affarijiet bieghhom.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, xehed l-i**Spettur Spiridione Zammit** (*a fol.* 114 *et seq.*) fejn spjega li kien l-Ghassa tal-Pulizija tal-

Fgura u kien mar ikellmu Kurt Grima fuq certu Christian Bonello fejn qal li Bonello kien icempel lil ommu u kien qed jghidilha li jekk mhux sejjer igiblu xi flus il-habs, kien ser jaghmillu rapport fuq xi serqa. Jghid li Grima qallu li kull ma ried kien li Bonello jigi mwissi u ma jibghax icempel lil ommu. Jixhed li talab lil Kurt Grima sabiex jaghmel rapport ufficjali u li fil-kaz kien ikellmu hu (l-iSpettur Zammit) lil Christian. Jghid li rapport formali baqa' qatt ma sar u b'hekk il-Pulizija ma baghtitx ghal Christian Bonello.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, xehed ukoll **PS 637 Kevin Manicolo** (*a fol.* 116) fejn ezebixxa rapport immarkat bhala Dok. "KM 1" (*a fol.* 117 *et seq.*) liema rapport jghid li kien gie mhejji minnu ma' eks PS 1261 Charles Pace li ma ghadux fil-korp tal-Pulizija. Jghid li kienu gew infurmati mill-iSpettur Robert Said Sarreo li fit-28 ta' Ottubru 2014 kienet sehheq serqa gewwa l-Kalkara u li hu (PS 637) irrikorra ma' eks PS 1261 fuq il-post u spjega li filwaqt li hu ha numru ta' ritratti tal-fond, PS 1261 kien ghamel ezamijiet ghall-impronti digitali liema ezamijiet irrizultaw fin-negattiv. Jghid li fil-verita' r-rapport huwa tieghu ghax: *"normalment meta ahna r-rizultati jkunu fil-pozittiv, ir-rapport jiehu hsieb jaghmlu min ha jkollu l-fingerprints filwaqt li meta r-rapport jkun fin-negattiv, jiehu hsieb jaghmlu min kien hadem ir-ritratti"* (*a fol.* 116).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2017, xehed l-imputat **Kurt Grima** (*a fol.* 135 *et seq.*) fejn qal li Christian Bonello kellu l-vettura tieghu bil-hsara u cempillu (Bonello lil Grima) u qallu (Bonello lil Grima) li kellu kaxxa biex jghabbiehilu. Jghid li dak iz-zmien hu (Grima) kellu saqajh miksura bil-hadid u la seta' jaqbez, la seta' jitla' u ma setghax jiddendel. Qal dan wara li xehed li gie mittiehed fil-post fejn saret is-serqa. Jixhed li mar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Fgura, sab lill-iSpettur Spiridione Zammit u qallu x'kien qallu Christian Bonello mill-habs li jekk ma jaghtihx ghoxrin Euro (€20.00) fil-gimgha kien ser jaghmel stqarrija li hu (l-imputat) kien mieghu fis-serqa. Jghid li hu (l-imputat) ikkoopera mal-Pulizija, tahom il-*fingerprints* u li ma kellux minn xiex jibza' ghax ma kellux x'jaqsam mas-serqa. Jghid li kull ma ghamel hu li wassal lil Bonello fejn id-dar ghax kellu l-vettura tieghu bil-hsara.

In kontro-ezami jghid li dakinhar apparti Bonello kien hemm ukoll it-tfajla tieghu (ta' Grima), bl-isem ta' Doreen. Jghid li Doreen baqghet fil-vettura. Ikkonferma li hu u Doreen marru fuq il-post bil-vettura tieghu. Jghid li Bonello mar fuq il-post bil-vettura tieghu (ta' Bonello) pero' jghid li bdiet tieqaflu u li mbaghad *"ghabba l-affarijiet fil-karozza tieghi, jien wasalt fejn id-dar tieghu u hu wasal bin-naqa' n-naqa' ghax bdiet tieqaflu bil-karburatur"* (*a fol.* 136). Jghid li ma kien hemm l-ebda ftehim bejnu u bejn Bonello u li hu (l-imputat) mar biss biex jaghmel pjacir lil Bonello peress li Bonello qallu biex jaghmillu pjacir peress li l-vettura tieghu kienet qed tieqaflu u b'hekk mar igorrlu l-kaxxi. Ghad-domandi: *"Minn fejn dan? Minn fejn harighom il-kaxxi"* (*a fol.* 136), wiegeb: *"Heqq, jien il-kaxxi jien sibthom barra fejn skip kien qieghed hu fejn kellu l-karozza u kien hemm skip ipparkjata barra, imbaghad il-post sirt naf wara bih ghax mort mas-CID's jien"* (*a fol.* 136). Mistoqsi jghid x'kien jaf dwar dawn l-oggetti, jghid li ma kien jaf xejn u li kien biss wara li hu wassal lil Bonello d-dar li Bonello qallu li l-oggetti kienu misruqin. Jghid li ma qallux minn fejn kienu misruqin. Mistoqsi jghid x'ha ghal dak li ghamel, li l-Prosekuzzjoni tiddeskrivi bhala *"battikata"* (*a fol.* 136), wiegeb: *"Xejn. Xi tridni niehu jien!"* (*a fol.* 137). Ghad-domanda jekk jafx li Bonello qed jghid li hu (l-imputat) ha parti attiva mieghu f'din is-serqa, wiegeb: *"Hekk qal hu, hu qal li jekk ma nixhetlux ghoxrin Euro fil-gimgha, jghid li kont fil-kaz mieghu wkoll u dak iz-zmien kelli saqajja miksura u la stajt naqbez, la stajt nitla' minn fejn telgha hu, minn fejn fehmuni"* (*a fol.* 137). Mistoqsi jghid jekk setghax isuq, wiegeb fl-affermattiv.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (*a fol.* 14 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-iSpettur Joseph Mercieca, liema stqarrija giet rilaxxata fil-25 ta' Frar 2015 wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, l-imputat qal: *"Jien hemmhekk mort ma' Christian Bonellio f'xi l-10am, hadni f'dan il-blokk t'appartamenti, hu dahal mill-bieb ta' fuq fejn wrejtkom, kien hemm minnhom kollha plakek, qalli li kien seraqhom, qalli biex immur mieghu biex nghabbuhom, ghax kellu l-karozza ma kinitx qed tahdem sew biex nehodhomlu d-dar tieghu. Jien ghabbejt il-kaxxa tal-ghodda u tal-plakek u tlaqna. Jien ridt nixtri c-chaser izda hu qalli li dawk gia mibjughin. Kif*

*hadthomlu d-dar hattejna kollox id-dar tieghu u tani tletin Euro talli garrejthomlu"* (*a fol.* 15). Jghid li lil Christian Bonello ilu jafu mindu kienu zghar. Jikkonferma li Doreen Farrugia kienet marret maghhom pero' jghid li baqghet fil-vann. Jichad li ha parti attiva fis-serqa ma' Christian Bonello u jghid li sehmu kien biss li garrlu l-affarijiet mill-blokka ghad-dar tieghu u tah tletin Euro (€30.00) fi flus talli garrlu l-affarijiet li hu (Bonello) kien diga biegh. Meta nghad lilu li qed jigi allegat minn Bonello li kien hemm xi dizgwid bejniethom dwar kif kellhom jinqasmu l-affarijiet misruqa, jghid li mhux vera. Ghad-domanda ghala Bonello baqa' jsus warajh sabiex jaghtih il-flus wara li Bonello spicca l-habs, wiegeb: *"Ghax il-familja tieghu ma riedux jafu bih. Li naf li kien jiehu hsiebu huh is-suldat, Manoel, imbaghad ma baqghax jaghti kazu"* (*a fol.* 15). Mistoqsi jghid f'liema punt Bonello kien qallu li l-affarijiet kienu misruqa, wiegeb: *"Meta ftehmna li mmorru ghall-affarijiet"* (*a fol.* 16). Jghid li ma jafx fejn Bonello biegh l-affarijiet u li hu (Grima) ma staqsiehx. Mistoqsi jghid jekk ridtx izid xi haga ohra, wiegeb: *"Meta cempilli mill-habs ghall-flus, xi xahar ilu, kien il-Hadd, jien mort inkellem l-iSpettur Spiridione Zammit fl-Ghassa tal-Fgura u l-iSpettur qalli li jekk jerga' jcempilli nghidlu pero' ma regax cempel minn dakinhar l-hawn"* (*a fol.* 16).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun

timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud

> tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna l-imputat qed jigi akkuzat b'zewg imputazzjonijiet: taht l-ewwel wahda qed jigi akkuzat li kkommetta r-reat ta' serq bil-kwalifika tal-mezz u tal-valur u taht it-tieni imputazzjoni qed jigi akkuzat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi da parte taghha l-Prosekuzzjoni ssostni li l-imputat kellu rwol attiv flimkien ma' Christian Bonello fis-serqa li sehhet fit-28 ta' Ottubru 2014 ghad-detriment ta' Kurt Bugeja fil-proprjeta' fil-Kalkara li kienet ghadha *under construction*. L-imputat jichad dan. Huwa jghid li mar semplicement jaghmel pjacir lil Christian Bonello u li ma kienx jaf li l-oggetti in kwistjoni kienu misruqa. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 147 *et seq.*), id-difiza tishaq, fost l-ohrajn, li l-imputat cahad ripetutament li huwa kien involut fis-serqa sija bhala awtur jew bhala komplici. L-oggetti misruqa kienu primarjament ghodda, materjal u oggetti li kienu qed jigu nstallati fid-dar in kwistjoni. Mill-atti processwali (Dok. "JM" – *loose envelope*) jirrizulta li Christian Bonello nstab hati, fost l-ohrajn, li seraq l-oggetti li jsiru riferenza ghalihom fl-ewwel (1) imputazzjoni tal-kawza odjerna u dana wara li l-istess Bonello ammetta din l-imputazzjoni u imputazzjonijiet ohra.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Serq Ikkwalifikat bil-Mezz u bil-Valur)</u>**:
Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:

*"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro."*

(Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- PS 1593 Alfred Cachia xehed dwar ir-rapport ta' serqa li kien ghamel Kurt Bugeja fit-28 ta' Ottubru 2014 liema serqa sehhet fir-residenza tieghu li tinsab Flat 2, Ta' Medati, Triq il-Luzzu, Kalkara. PS 1593 Cachia pprezenta r-rapport in kwistjoni (Dok. "AC" – *a fol.* 76 *et seq.*).

- Kurt Bugeja kkonferma li huwa kien ghamel ir-rapport dwar serqa, liema rapport jsir riferenza ghalih fil-paragrafu precedenti.

- Christian Bonello spjega kif l-imputat kien cempillu u qallu li ma kellux flus u li Bonello qallu: *"Ejja nmorru naghmlu xi haga u gie mieghi hu"* (*a fol.* 82) fejn bazikament spjega li ried ifisser li

qallu biex imorru jisirqu. Jispjega li marru fuq il-post b'vetturi separati u li dahlu fil-flat billi hu (Bonello) fetah il-bieb billi tela' minn fuq bieb u l-imputat dahal mill-bieb tal-flat. Spjega x'serqu mill-fond in kwistjoni li eventwalment gew mibjugha u ghalihom akkwistaw mitt Euro (€100.00) ta' kollox u li zammew hamsin Euro (€50.00) kull wiehed. Jixhed li kien hemm xi affarijiet ohra li ma bieghux u Bonello tahom lill-imputat. Spjega li l-imputat kien cempel lilu ghax l-imputat kellu l-vettura ghand il-mekkanik u li mbaghad l-imputat mar bil-vann ta' missieru. Jichad li meta gie arrestat talab xi flus lill-imputat pero' jghid li talab biss lill-imputat sabiex jghinu.

- It-tfajla tal-imputat, cioé Doreen Farrugia xehdet li dakinhar tat-28 ta' Ottubru 2014 kienet mal-imputat fil-hin li ltaqa' ma' Christian u marru go post fil-Kalkara pero´ tispecifika li hija baqghet fil-vettura. Tghid li l-imputat u Bonello hargu b'xi affarijiet li tghid li gew maqsuma f'Rahal il-Gdid. Tghid li ma qalulhiex x'kien gara u ma garax.

- Clayton Gatt, li jahdem go hanut taz-zebgha bl-isem *Pharlap Ironmongery*, xehed fuq xi hadd li kien mar bieghlu xi affarijiet li kien qallu baqaghlu zejda fuq ix-xoghol. Minkejja li ma gharafx lill-imputat fl-awla, wara qal li jista' jaghti l-kaz li kien hu pero' qal: *"Nahseb jista' jkun, b'xaghru differenti, ma nafx. Jista' jkun kien hu imma xaghru kien differenti, ir-ritratti li wrewni kien differenti zgur milli jidher"* (*a fol.* 105).

- L-imputat Kurt Grima jsostni li hu mar biss biex jaghmel pjacir lil Bonello peress li Bonello qallu biex jaghmillu pjacir peress li l-vettura tieghu kienet qed tieqaflu u b'hekk mar igorrlu l-kaxxi. Jghid li hu sab il-kaxxi barra fejn skip. Jghid li kien biss wara li hu wassal lil Bonello d-dar li Bonello qallu li l-oggetti kienu misruqin. Jixhed li mar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Fgura, sab lill-iSpettur Spiridione Zammit u qallu x'kien qallu Christian Bonello mill-habs li jekk ma jaghtihx ghoxrin Euro (€20.00) fil-gimgha kien ser jaghmel stqarrija li hu (l-imputat) kien mieghu fis-serqa.

Illi minkejja li din il-Qorti ma ghexietx il-process kollu ta' dan il-kaz, u minkejja li l-imputat, kemm meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu (*a fol.* 14 *et seq.*) kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri cahad li seraq, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali (b'mod partikolari mid-depozizzjoni tax-xiehda kif moghtija mid-diversi persuni li gew imressqa f'dawn il-proceduri) jirrizulta li l-Qorti ghandha tqies li l-verzjoni moghtija minn Christian Bonello ghandha mis-sewwa u cioé li flimkien mal-imputat marru biex effettivament jisirqu l-fond *de quo* u li mhux minnu li l-imputat ma kienx jaf b'dan u li mhux minnu wkoll li l-imputat ma dahalx fil-fond. Dan qieghed jinghad minkejja li, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 147 *et seq.*), id-difiza tishaq li Christian Bonello ma ghandux jigi kkunsidrat bhala xhud affidabbli. Il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-imputat kien jaf x'sejjer jaghmel ma' Bonello tenut kont ta' dak li nghad fid-depozizzjonijiet moghtija minn Christian Bonello, Doreen Farrugia u l-imputat innifsu.

Illi l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni msemmija fil-paragrafu precedenti in segwitu ta' diversi fatturi, fosthom is-segwenti:

- Minkejja li l-imputat jishaq li fiz-zmien tas-serqa huwa kellu saqajh miksura bil-hadid u li ma setghax la jaqbez, jitla' jew jiddendel, apparti l-fatt li prova sodisfacenti ta' dan ma ngabitx, u apparti l-fatt li l-imputat ma qalx dan meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu (*a fol.* 14 *et seq.*) (liema stqarrija giet iffirmata mill-imputat stess u giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ghazel li jezercita dan id-dritt), jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Christian Bonello li kien hu (Bonello) li fetah il-bieb billi tela' minn fuq il-bieb u li l-imputat dahal mill-bieb tal-flat u b'hekk l-imputat ma kellux ghalfejn jiddendel jew jaqbez! Ma jirrizultax li l-imputat kellu problema biex jimxi tant li huwa mar fuq il-post u jghid ukoll li setgha jsuq.

- Da parte taghha, Doreen Farrugia tixhed li hija baqghet fejn kienet u li l-imputat u Bonello *"hargu xi affarijiet"* (*a fol.* 94). Mistoqsija tghid minn fejn, wiegbet: *"Minn fejn dahlu"* (*a fol.* 94). Hija ma ssemmi l-ebda skip! Dana qieghed jinghad tenut kont

tal-fatt li Kurt Grima xehed li huwa sab il-kaxxi barra fejn skip. Apparti minn dan, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid: *"kien hemm zewg kaxxi lesti ppakjati bl-ghodda wara l-bieb u kien hemm kaxxa minnhom kollha plakek, qalli kien seraqhom qalli biex immur mieghu biex nghabbuhom"* (*a fol.* 15).

- Doreen Farrugia tghid li l-affarijiet in kwistjoni gew maqsuma bejn Christian Bonello u l-imputat f'Rahal il-Gdid fejn id-dar ta' Bonello.

- Mentri fl-istqarrija tieghu (*a fol.* 14 *et seq.*) l-imputat jghid li Bonello kien qallu li kellu zewg kaxxi li kien seraqhom u qallu biex imur mieghu biex jghabbuhom peress li Bonello ma kellux il-vettura tieghu qed tahdem sew, f'liema stqarrija l-imputat jghid ukoll li Bonello qallu li l-affarijiet kienu misruqa meta ftehmu li jmorru ghall-affarijiet, fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti l-imputat qal li kien biss wara li wassal lil Bonello d-dar li Bonello qallu li l-affarijiet kienu misruqa! Meta rega' gie mistoqsi, wiegeb: *"Wara imma qalli, wara li wassalthomlu"* (*a fol.* 136).

- Il-Qorti ma temminx li Christian Bonello kien verament cempel lill-imputat u qallu li jekk ma jaghtihx ghoxrin Euro (€20.00) fil-gimgha kien ser jaghmel stqarrija li hu (l-imputat) kien mieghu fis-serqa. Da parte tieghu, meta Christian Bonello, li fil-proceduri kontra tieghu kien akkuzat b'zewg serqiet, xehed fil-proceduri odjerni huwa jghid li l-imputat ma kellu xejn x'jaqsam fir-rigward tat-tieni serqa li saret fl-istess gurnata. Il-Qorti tistaqsi: kieku l-verzjoni tal-imputat kellha titwemmen, ma setghax Bonello jinvolvi lill-imputat anke fit-tieni serqa?!

Illi jsegwi ghalhekk li l-verzjoni moghtija mill-imputat mhijiex wahda kredibbli u ghaldaqstant, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-imputazzjoni li tirrigwarda s-serq giet sodisfacentement pruvata.

Illi, fir-rigward tal-kwalifiki tal-valur u tal-mezz, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- <u>kwalifika tal-valur</u>: Kurt Bugeja kkonferma li huwa jaqbel mal-istima tal-oggetti misruqa li giet ippreparata mill-Perit George Pullicino u li tinsab *a fol.* 73 tal-process (li tindika li l-valur tal-oggetti misruqa kien dak ta' €1518.00). Il-Qorti taghmel riferenza ghal Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- <u>kwalifika tal-mezz</u>: Bonello xehed li huma dahlu fil-flat billi hu fetah il-bieb billi tela' minn fuq bieb u l-imputat dahal mill-bieb tal-flat. Fl-okkorrenza (Dok. "AC" – *a fol.* 76 *et seq.*) hemm indikat is-segwenti: *"Il-Pulizija marret fuq il-post […] fejn rat il-post illi ma kienx jidher illi kien hemm xi sgass izda huwa stqarr illi l-bieb ta' barra li huwa tal-hadid sabu miftuh. X'aktarx illi l-persuni dahlu minn tieqa illi kienet ghadha mhix maghluqa u hargu mill-bieb ta' barra billi fethuh minn gewwa"* (*a fol.* 79). Il-Qorti taghmel riferenza ghal Artikoli 263(a) u 266 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm inghad, il-Qorti tinnota li z-zewg kwalifiki msemmija, u cioé dawk tal-valur u tal-mezz gew pruvati. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu bil-kwalifiki msemmija.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiva)</u>**:
Illi l-imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja tas-segwenti sentenzi: wahda moghtija fit-18 ta' Gunju 2009 (Dok. "A" – *a fol.* 27 *et seq.*), ohra moghtija fit-18 ta' Frar 2013 (Dok. "C" – *a fol.* 45 *et seq.*) u ohra moghtija fis-16 ta' Mejju 2013 (Dok. "B" – *a fol.* 41 *et seq.*).

Illi l-Qorti tinnota li l-konnotati tal-persuna kontra min inghataw is-sentenzi hawn fuq imsemmija huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk ma ghandux ikun hemm dubju li dawn is-sentenzi nghataw fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna.

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-sentenzi li saru riferenza ghalihom hawn fuq, il-piena moghtija fihom u kif ukoll wara li rat dak li jiddisponu Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkonkludi li l-addebitu tar-recidiva kif inghad fit-tieni (2) imputazzjoni gie sodisfacentement pruvat u b'hekk l-imputat ser jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 4 *et seq.*) minn liema jirrizulta li l-imputat kiser difrjegh mal-ligi diversi drabi, in-natura tar-reati addebitati lilu li gew kollha kemm huma pruvati, u kif ukoll il-fatt li l-imputat ghandu jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. M'hemmx dubju li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva u dana *stante* li jirrizulta li l-imputat ma jridx jirriforma hajtu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(b), 261(c), 263(a), 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Kurt Grima hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni dak li gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Christian Bonello** (liema sentenza tifforma parti minn Dok. "JM" – *loose envelope*), tordna lill-hati Kurt Grima sabiex fi zmien sena millum ihallas **nofs l-ispejjez** li

ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti fl-atti tal-Inkjesta ezebita in atti u li tinsab f'Dok. "JM" (*loose envelope*).

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**